MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 117/2007/2

**Anna Degabriele u Joseph Degabriele bhala mandatarju specjali ta' l-imsiefer Carmelo Schembri li jinsab assenti minn Malta**

**v.**

**Victor Borg**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

F'dawn il-proceduri l-konvenut Victor Borg b'rikors tal-1 ta' Lulju 2009 talab illi din il-kawza, maqtugħa b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Gunju 2009, tinstema' mill-gdid, wara li titħassar dik is-sentenza, a tenur tal-Artikoli 811(*c*) u l-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u tordna r-ritrattazzjoni tal-Appell fl-ismijiet premessi skond il-Ligi.

**Sentenza tal-Prim Istanza**

B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Mejju 2007, dik il-Qorti, wara li qieset li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors jidhru gustifikati, ghaddiet biex tilqa' t-talba tal-atturi nomine kif dedotti fir-rikors guramentat u pprefiggiet terminu qasir u perentorju ta' 30 jum sabiex il-konvenut jizgombra mill-istess art; bl-ispejjez kontra l-konvenut;

**Appell**

Il-konvenut appella b'rikors ipprezentat fil-25 ta' Mejju 2007 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li tigi revokata s-sentenza tal-ewwel Qorti u konsegwentement, prevja illi tichad l-ewwel talba attrici, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din tawtorizza u taghti terminu lill-konvenut biex jipprezenta risposta guramentata.  L-atturi appellati wiegbu li s-sentenza appellata tal-ewwel Qorti hija gusta u ghalhekk ghandha tigi kkonfermata.

Bis-sentenza surreferita ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju 2009 din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, sabet li l-konvenut ma rnexxilux juri li ghandu xi eccezzjonijiet validi xi jressaq in kontestazzjoni tat-talbiet attrici. Ghaldaqstant, iddisponiet mill-appell interpost mill-konvenut billi cahdet l-istess u kkonfermat s-sentenza tal-ewwel Qorti, b'dan li t-terminu ta' 30 jum iffissat mill-ewwel Qorti ghall-fini tali zgombrament kellu jibda jidekorri mid-data tas-sentenza.  L-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu kollha mill-konvenut appellant

Il-Qorti tal-Appell waslet ghal din il-konkluzzjoni wara li kkunsidrat:
"Ikkunsidrat:

"Illi din hi kawza fejn l-atturi nomine qed jitolbu l-izgumbrament tal-konvenut minn ghalqa fil-limiti ta' Hal Qormi u Haz Zebbug. Il-konvenut talab li jikkontesta l-kawza, pero`, it-talba tieghu giet michuda.

"Il-konvenut appella u ssottometta li ghandu tlett eccezzjonijiet x'jaghti in kontestazzjoni tat-talba attrici: l-inkompetenza tal-Qrati ordinarji *ratione materiae*, in-nuqqas ta' interess guridiku fl-istes konvenut (din l-eccezzjoni proprjament kellha tkun fis-sens li hu mhux il-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici), u l-ezistenza ta' titolu validu favur missieru, Lukardu Borg. F'dan l-istadju din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-meritu ta' dawn l-eccezzjonijiet, u lanqas tiddeciedi jekk ghandhomx mis-sewwa jew le, izda ghandha tara biss jekk *prima facie* dawn l-eccezzjonijiet jaghtux lok ghal difiza da parti tal-konvenut.

"Dwar l-ewwel eccezzjoni proposta, il-posizzjoni korretta giet stabbilita minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Camilleri noe v. Muscat** deciza fil-21 ta' Jannar 1986 fis-sens illi l-Qrati ordinarji ghandhom huma jistabilixxu mhux biss l-ezistenza tat-titolu, izda wkoll jekk dan it-titolu huwiex wiehed validu, kif ukoll illi huwa biss meta l-Qrati ordinarji jistabilixxu li dan it-titolu jezisti, fis-sens illi d-detenur ta' fond qieghed jokkupah b'titolu ta' lokazzjoni, illi allura dik il-Qorti ma tibqax hekk kompetenti. Din il-posizzjoni giet segwita f'diversi sentenzi recensjuri tal-istess Qorti, u din il-Qorti taqbel li, in principju, huma l-Qrati ordinarji li ghandhom il-kompetenza jiddeciedu dwar it-titolu vantat minn konvenut. Kwindi, l-ewwel Qorti kellha l-kompetenza tiddeciedi fuq il-kawza kif proposta mill-atturi nomine u l-eccezzjoni fir-rigward kif proposta mill-konvenut ma timmeritax li tkun ikkunsidrata;

"Dwar it-tieni eccezzjoni, din il-Qorti ma tarax li din ghandha xi rilevanza fil-kuntest tat-talbiet attrici, peress li f'kull kaz, id-decizjoni taghmel stat fil-konfront tieghu biss,

u mhux fil-konfront ta’ min qieghed in okkupazzjoni b’xi titolu validu.

“Dwar it-tielet eccezzjoni, din kienet tkun valida li kieku l-konvenut allega li hu ghandu xi titolu derivattiv minn missieru, pero` il-konvenut lanqas biss allega dan, u qal biss li l-art hi okkupata b’titolu ta’ qbiela minn missieru, u la missieru mhux fil-kawza, din il-Qorti ma tistax tindaga fuq il-validita` o meno tat-titolu li allegatament ghandha din il-persuna.

“Din il-Qorti, pero`, thoss li ghandha tinnota li l-ktieb tal-qbiela favur dan Lukardu Borg juri li l-ahhar ircevuta saret fl-1983, aktar minn hamsa u ghoxrin sena ilu, u ma giex indikt x’sar mill-kirja wara dik is-sena. F’kull kaz, kif inghad, il-konvenut lanqas biss allega li huwa ghandu xi titolu, imqarr derivattiv, fuq l-art in kwistjoni, u kwindi ma jistax isostni l-argument tieghu in relazzjoni mal-okkupazzjoni tieghu tal-art kif ippruvata mill-atturi.

“Kwindi din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, tara li l-konvenut ma rnexxilux juri li ghandu xi eccezzjonijiet validi xi jressaq in kontestazzjoni tat-talbiet attrici.”

**Ritrattazzjoni**

Is-sentenza tal-lum hija dwar it-talba tal-konvenut għat-tħassir tas-sentenza ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Gunju 2009, fl-istadju tal-proceduri *in rescindendo*.

Ir-ritrattand Victor Borg qed jitlob li s-sentenza ta’ l-Qorti tal-Appell tithassar kif inhu mahsub fl-Artikolu 881(c) u 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ewwel aggravju tar-ritrattand huwa li l-Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazina fit-termini tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 billi in effetti applikat l-ligi erronjament u dan peress li m’applikatx dak li jiddisponi l-Artikolu 170(1) tal-Kap. 12.

It-tieni aggravju huwa li hemm bazi ghar-ritrattazzjoni fit-termini tal-Artikolu 811(c) tal-Kap. 12 billi ma nghatat ebda

sentenza fuq l-ebda eccezzjoni ghax dawn kienu proceduri fit-termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12.

Ghalhekk ir-ritrattand talab li din il-Qorti thassar s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell tas-26 ta’ Gunju 2009 u tordna r-ritrattazzjoni mill-gdid tal-kawza.

**Risposta tar-ritrattati**

Ir-ritrattati wiegbu li ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni billi dak li jiddisponi l-Artikolu 811(c) tal-Kap. 12 m’ghandux x’jaqsam mal-kwistjoni tal-legittimita` o meno tal-persuna fil-kawza odjerna. Inoltre c-cahda tal-Prim Istanza li r-ritrattand ma jigix ammess jaghti eccezzjonijiet, inghatat wara li gie sollevat biss il-punt tat-titolu. Din il-kwistjoni giet ampjament investita anke mill-Qorti tal-Appell.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

L-ewwel aggravju tar-ritrattand huwa li l-Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazina fit-termini tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 billi in effetti applikat il-ligi erronjament u dan peress li m’applikatx dak li jiddisponi l-Artikolu 170(1) tal-Kap. 12.

L-Artikolu 811(*e*) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li taħtu qiegħed jintalab it-tħassir tas-sentenza, jgħid hekk:
“Kawza deciza b’sentenza mogħtija fi grad ta’ appell … … … tista’, fuq talba ta’ waħda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

“… … …

“*(e)* jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi ħazin;

“għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;”

Din l-ahhar kjarifikazzjoni fil-ligi kienet iddahhlet biex parti ma tittantax tikseb appell tat-tielet grad quddiem tlett imhallfin differenti u b'hekk tigi aggirata l-ligi bil-pretest li s-sentenza kienet applikat il-ligi hazin. Mhux inopportun ghalhekk li jigi ribadit li fl-interpretazzjoni tad-dispozizzjonijiet kontenuti fl-istitut tar-ritrattazzjoni, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed ta' indole straordinarju u li d-dispozizzjonijiet li jirregolawh huma ta' interpretazzjoni strettissima.

Fir-rigward tal-Artikolu 811(e) hu risaput li:
"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin"[1]

Relevanti wkoll huwa l-Artikolu 816 tal-Kap. 12 fil-parti li tgħid hekk:
"Fir-rikors [li bih jintalab it-tħassir tas-sentenza u s-smigħ mill-gdid tal-kawża] … … … meta r-raguni hija l-applikazzjoni ħażina tal-ligi, l-attur għandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata."

[1] ( Ara sentenzi Reginald Micallet et noe. vs. Godwin Abela et noe tat-(3 ta' Gunju, 1994; AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici. App. 17/2/2003; Appell tal- 5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D; App. tas- 27/3/2003 Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri; Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et App. 10/10/2003).

F’dan il-kaz il-konvenut korrettement indik liema artikolu, li fil-fehma tieghu suppost kellu japplika, u cioe` l-Artikolu 170 (1) tal-Kap. 12.

Dan l-artikolu jiddisponi li:
“Jekk il-konvenut jibqa’ kontumaci, jew, jekk jidher, ma jopponix bhala mhix regolari jew li ma tghoddx ghall-kaz, il-procedura li biha nqeda l-attur, inkella, jekk jaghti din l-eccezzjoni u ma tigix milqugha, ma jaghtix prova, bil-gurament tieghu, jew xort’ohra, li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed biex turi li ghandu eccezzjonijiet prima facie, fil-ligi jew fil-fatt xi jgib kontra l-meritu tal-azzjoni, jew xort’ohra ma jgibx fatti jew punti ta’ ligi li jistghu jitqiesu li jkunu bizzejjed biex jaghtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jaghmel kontro-talba, il-Qorti tiddeciedi minnufih il-kawza, billi tilqa’ t-talba tal-attur. Il-konvenut jista’ jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu biex jattakka l-procedimenti maghmula mill-attur bhala mhux regolari jew li ma jghoddux ghall-kaz permezz ta’ nota li tigi prezentata fir-registru tal-Qorti jew fl-udjenza.”

Ir-ritrattand jissottometti li hu kull ma kellu jaghmel quddiem il-Qorti kien li juri li *prima facie* kellu jedd jopponi t-talba tal-atturi. Skond ir-ritrattand jidher li l-Qorti, (u din il-Qorti qed tifhem li hu qed jirreferi kemm ghall-ewwel Qorti kif ukoll ghal din il-Qorti diversament presjeduta), dahlet fil-mertu minghajr ma tat lir-ritrattand jedd li jressaq il-provi u ghalhekk il-Qorti ppretendiet grad ferm oghla ta’ prova minghandu minn wiehed *prima facie*.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, ir-ritrattand proprjament kellu jitlob li jithassar ukoll id-digriet ta’ l-ewwel Qorti tas-16 ta’ Mejju 2007 li bih iddikjarat li l-konvenut ma kellux eccezzjonijiet x’jaghti ghat-talba tar-rikorrent, apparti t-thassir tas-sentenza li laqghet it-talbiet attrici fil-mertu.

Ir-ritrattand qed jissottometti li l-Qorti tal-Appell applikat l-ligi hazina billi f’dan il-kaz kellha tapplika l-Artikolu 170(1) tal-Kap. 12. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, huwa proprjament dak li ghamlet l-Qorti tal-Appell. Tant hu hekk li hija, bhal l-ewwel Qorti, ghamlet l-istess ezami, u cioe` jekk il-konvenut kellux eccezzjonijiet x’jaghti u segwiet dak li

jipprovdi l-Artikolu 170 (1) u ddecidiet, u dan, wara li kien xehed il-konvenut, li hu ma kellux eccezzjonijiet *prima facie*, fil-ligi jew fil-fatt, xi jgib kontra l-meritu tal-azzjoni, jew xort'ohra ma gabx fatti jew punti ta' ligi li setghu jitqiesu li kienu bizzejjed biex jaghtuh il-jedd li jopponi t-talba attrici. Quddiem l-ewwel Qorti, il-konvenut ipprova jqajjem l-eccezzjoni tat-titolu, mentri quddiem il-Qorti tal-Appell ressaq zewg eccezzjonijiet ohra, dik ta' kompetenza tal-Qorti, u tan-nuqqas ta' interess guridiku. Izda l-Qorti tal-Appell ma laqghetx l-appell.

Fir-rikors tieghu r-ritrattand jghid li l-Qorti tal-Appell applikat il-ligi erronjament, meta ma dahlitx fil-kwistjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju o meno izda dan, anke jekk ghal grazzja tal-argument kien minnu, kif gia` nghad, ma jaghtix lok ghal ritrattazzjoni billi ma jammontax ghall-applikazzjoni tal-ligi hazina a termini tal-Artikolu 811(e). Il-ligi li kellha tapplika u fil-fatt giet applikata hija l-Artikolu 170(1). Hu risaput li ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) anke kieku kellu jigi accettat li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi kienet skorretta. Jirrizulta inoltre li l-punt in kontestazzjoni hu l-istess u l-konvenut qed jibbaza r-ritrattazzjoni tieghu fuq l-istess aggravju li huwa ressaq quddiem il-Qorti tal-Appell, liema aggravju gie michud.

L-aggravju l-iehor tar-ritrattand hu bazat fuq l-Artikolu 811(c) tal-Kap. 12 li jikkontempla bhala raguni taht dan is-subinciz il-kaz fejn wahda mill-partijiet ma tkunx persuna legittima, kemm-il darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' illegittimita`.

L-Artikolu 780 jipprovdi illi "l-eccezzjoni dwar l-illegittimita` tal-attur jew tal-konvenut tista' tinghata, meta l-wiehed jew l-iehor huwa inkapaci skond il-ligi biex joqghod f'kawza, inkella biex iharrek jew jigi mharrek fl-isem u fl-interess ta' haddiehor, minghajr ma jkun awtorizzat skond il-ligi ghaldaqshekk".

Ir-ritrattand jissottometti li ma nghatat ebda sentenza fuq l-ebda eccezzjoni ghax dawn kienu proceduri fit-termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12.

Illi kif gia` nghad l-appell li ghamel il-konvenut ma kienx wiehed mid-digriet li bih l-ewwel Qorti ddikjarat li huwa ma kellux eccezzjonijiet xi jressaq izda mis-sentenza fil-mertu li laqghet it-talbiet attrici. Illi ritrattazzjoni ma tistax tintalab minn digriet tal-Qorti izda minn kawza li tkun iddecidiet il-mertu. ( ara PA **Gatt v. Busietta** 9/5/2002).

Il-kawza li giet appellata u s-sentenza li minnha ntalbet ir-ritrattazzjoni ma ddecidiet u ma kellha tiddeciedi l-ebda eccezzjoni dwar illegittimita` ta' persuna, anzi fir-rikors tieghu r-ritrattand jammetti li huwa kien il-legittimu kontradittur, (ara fol 38 l-ahhar paragrafu) u jirrizulta li l-art hija okkupata u mahduma minnu. Ghalhekk ir-ritrattand ma jistax jghid li huwa inkapaci skond il-ligi biex joqghod f'kawza.

Huwa evidenti ghalhekk ghal din il-Qorti li l-objezzjoni li r-ritrattand qieghed igib 'il quddiem kontra s-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju 2009 ma tiffigurax fil-kuntest tal-eccezzjoni tal-illegittimita` tal-persuna kif fuq interpretata mil-ligi stess.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tar-ritrattand ghas-smigh mill-gdid tal-appell, u b'dana li, ghall-fini tal-izgumbrament, it-terminu ta' 30 jum jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez gudizzjarji jkunu kollha a kariku tal-konvenut ritrattand.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------